# TIFKIRIET TAL-IMGHODDI

## ESSAY ta' ALFRED MASSA

Ftit ilu d-dar sibt ruħi waħdi. Tħawwadt x'naqbad nagħmel. Dort minn kamra għal oħra tgħidx kemm. Ħbat ser ninnervja. Xtaqt nagħmel xi ħaġa biex nedha u nderri. Naqra u nikteb ma kellix aptit. Ikkonfondejt jekk għandix niknes, infarfar jew naħsel, għax fis-sewwa l-mara miskina qabel ħarġet ma' wliedna ħalliet id-dar xummiena. Għalhekk stħajt u dħakt bija nnifsi meta bdejt inġibni quddiem għajnejja niknes fejn kien ġa miknus, infarfar fejn kien ġa mfarfar u naħsel fejn kien ġa maħsul.

Kont xbajt nonfoħ u ħbatt ser noħroġ 'il barra, imma ma kellix aptit ninħasel u nbiddel. Poġġejt bil-qiegħda fuq sufan u bdejt naqra l-gazzetta. F'daqqa waħda moħħi ddawwal. Qomt minn fejn kont u ġrejt lejn l-iskrivanija; ftaħt il-kexxun tan-nofs u minn qalb bosta karti, pinen, lapsijiet u mitt elf ħaġ'oħra ħriġt l-album tar-ritratti.

Ħsibt li kont ser ngħaddi l-isbaħ siegħa jew tnejn inqalleb il-folji u nħares lejn ir-ritratti tiegħi tal-imgħoddi. Iżda ma lħaqtx nagħmel dan, għax l-ewwel ftit ritratti serquli għajnejja, ħsibijieti u qalbi. Dawn kienu l-ewwel folji tal-album u tant ħaduli żmien li anqas ilħaqt rajt nofs dak li kelli f'moħħi li ser nara.

L-ewwel ritratt kien juri lili, tifel ta' madwar erba' jew ħames snin. Dak in-nhar ommi libbsitni ta' baħri u kont nidher riekeb fuq 'tricycle'. 'Tricycle' mhux minn dawn tallum, imma waħda tal-ħadid li kien għamilli missieri.

Kemm kont ħelu meta kont żgħir. Illum kbirt u ż-żmien u t-tbatija jidhru sewwa fija. Għax meta l-bniedem jikber ibati bla ma jrid; u t-tbatija bħal musmar li wara li jfiq iħalli t-tebgħa. Kont ħelu bil-fors għax kont innoċenti. Ruħi kienet safja daqs ġilju. Ma kontx naf x'jiġifieri ħa-

żen; ma kontx naf nidneb. Deni ma xtaqt qatt. Għalhekk ġo qalbi kelli l-paċi, il-paċi tidher avolja f'ritratt; iva, tidher fi ħbub għajnejja.

Illum mod ieħor: illum kbirt u miegħi kibru l-passjonijiet, il-malizzja u x-xewqa biex naħseb aktar f'ġismi milli f'ruħi.

Dan ir-ritratt fakkarni f'tant u tant logħob li ta' tifel li kont, kont inħobb nilgħab jew m'ommi inkella m'oħti — għax barra ma nfittxux. Fakkarni fil-karozzi magħmula mill-pakketti tas-sigaretti li ommi kienet tagħmilli, fakkarni fil-boċċi, fil-lewż u anke fiż-żibeġ li kont nilgħab ma' oħti. Logħob sempliċi, mhux veru? Imma kien jagħtini pjaċir. Ma kellix ħafna ġugarelli, l-ewwelnett għax dak iż-żmien kien żmien differenti minn tal-lum, u t-tieni, missieri miskin ma kienx jista' wisq. Kien jaħdem ħafna u jaqla' ftit. Imma l-aqwa li konna kuntenti. U kos, it-tfal tallum għandhom ħafna ġugarelli li jqumu ħafna flus u ma jafu jilagħbu b'xejn. Dinja din!

Ritratt ieħor li bir-raġun seraqli qalbi kien dak li kont ħadt fl-Ewwel Tqarbina. Kemm kont liebes sabiħ; u bir-raġun għax dak in-nhar ilqajt fija għall-ewwel darba lil Ġesu' taħt l-Ispeċi Mqaddsa.

Niftakar dik l-għodwa ommi qajmitni kmieni ħafna u wara li ħaslitni bdiet tlibbisni. Din l-investitura saret fil-kamra ta' barra. Missieri ma kienx ħdejja. Kien qed iqaxxar il-leħja fil-kċina — għax kamra tal-banju ma kellniex. Fl-aħħar kont lest. Fuq idi l-waħda kelli faxxa, f'għonqi ċoff abjad ħalib u fuq sidri kukkarda b'domna tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'.

Imbagħad ġrejt lejn missieri. Huwa waqaf mil-leħja, dar lejja u wara li flieni minn rasi sa riġlejja qalli bi tbissima. "Kemm int sabiħ, Fred!...." Dak in-nhar it-tbissim ta' ommi, ta' missieri u ta' nannieti ma fhimtux. Illum naf li kien ifisser imħabba u kburija.

Kemm ħadt pjaċir nikkumpanja dik il-għodwa mill-Azzjoni Kattolika sal-Knisja tar-Raħal! Bix-xemgħa li magħha kellha marbut ġilju abjad silġ f'idi l-waħda u bl-oħra kont inżomm iż-żigarella tal-bandalora. Ritratt ħelu tassew, wieħed mill-aktar li ngħożż.

Fil-folja ta' wara, f'ritratt daqs kartolina kont nidher jien, bis-suttana, bl-ispellizza, u bil-berettin ġo rasi. F'idi x-xellugija kelli ktieb magħluq fil-waqt li idi l-leminija kienet imserrħa fuq ġinokkjatur. Qisni xi Kanonku tal-Katidral. Ngħid is-sewwa, hekk kont nistħajjilni dak iż-żmien u hekk kont noħlom li għad insir. Ma kontx naf, għax kont għadni żgħir wisq biex nifhem li "l-bniedem jipproponi, u Alla jiddisponi". Illum miżżewweġ u ninsab hieni ħafna bil-mara u bit-tliet ulied subien li Alla mar jislifni. Dawn imqarrbin tassew, imma allaħares ma kinux huma, għax kieku d-dar qisha ċimiterju.

Kemm kont inħobb immur il-knisja kmieni kmieni biex ngħin il-quddiesa. Kemm kont nifraħ f'xi purċissjoni nżomm ix-xemgħa jew in-xengel iċ-ċensier 'l hemm u 'l hawn. Il-funerali biss kienu jdejquni.

Il-Knisja ħabbejtha u għadni. Id-dar, missieri kien għamilli knisja żgħira, imma kompluta b'kollox. Sa damask u tużell żgħir kelli. Statwi kelli erba'. Kemm kont nieħu pjaċir nilgħab biha, issa narmaha u ftit wara nerġa' nżarma. L-għaxqa tiegħi meta tkun waslet xi festa. Ġieli ġew għandna xi kuġini u ħbieb, u erħilna nilbsu lbies tal-karti bħal pjaneti, kapep, stejjel eċċ. u ngħaddu n-nofs ta' nhar inkantaw u nippassiġġaw minn kamra għal oħra. Illum dan il-logħob spiċċa. It-tfal tagħna agħtihom il-films, it-television, il-ġiri 'l hawn u 'l hemm u xejn iżjed. Tabilħaqq li d-dinja rota! ......

Ritratt ieħor li laqatni wkoll kien dak li ħadt darba ma' sħabi tal-iskola. Kont Std. II. u tiskantawx jekk ngħid li kont liebes ta' tifla. Iva, għax dan ir-ritratt ħadnieh għall-ħabta tal-Milied, meta l-iskola konna nagħmlu r-reċti. Il-palk ħabbejtu u għadni nħobbu. Hdimt bosta drabi iżda issa m'għadnix. Kultant jisgħobbija li ma ssuktajtx, imma nerġa' pass lura u ngħid, li meta tibda tibni familja ċerti attivitajiet jinqatgħu weħidhom. Illum m'għadnix nirreċta, kif ġa għidt, iżda darba kultant bqajt nikteb xi dramm għal fuq il-palk.

Il-football inħobbu ħafna; l-uniku sport li nħobb. Anke meta kont żgħir kont imġennen għalih. Għandi ritratt liebes ta' player komplut. Kont nistħajjilni xi Matthews jew xi Parola dak iż-żmien. Kont nilgħab 'centre-forward'. Lgħabt bosta drabi, u f'dawn il-logħbiet qlajt u tajt bis-sieq kemm-il darba. Għax il-football hekk; taqla' u tagħti, bosta drabi bla ma trid.

Ngħid is-sewwa minħabba l-football xebgħat, ċanfir, kastigi u tehdid qlajt bosta drabi mingħand il-ġenituri. Kienu jibżgħu wisq li nweġġa' jew li nieħu ċmajra! Imsieken kif kienu mitlufin warajja — u għadhom! Għandi raġun inħobbhom! Iz-zija fix-Xitwa sikwit kienet tieħu lili u lill-kuġin xi passiġġata. Iżda f'ħakka t'għajn konna nogħsfru; ġirja waħda lejn ix-Schreiber biex naraw xi partiti!

Fil-football fraħt u bkejt. Niftakar darba domt jumejn ma niekol għax it-team tar-raħal kien tilef id-'decider' għall-promozzjoni. Iżda dak iż-żmien kont tifel u wara ftit kollox kont ninsa, għax it-tfal moħħ ir-riħ.

Dawn kienu r-ritratti li lħaqt rajt għax imbagħad kien sar ħafna ħin u l-mara reġgħet lura d-dar. Magħhom għandi ħafna u ħafna oħrajn. Imma nistqarr is-sewwa dawn l-aktar li huma għal qalbi għax ifakkruni fit-tfulija, li għalija hija l-isbaħ żmien fil-ħajja tal-bniedem.